SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

26 ta' Settembru 2013 *

"Appell — Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Għajnuna strutturali Komunitarja fir-reġjun ta' Martinique — Tnaqqis ta' għajnuna finanzjarja — Kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet — Konformità tal-operazzjonijiet mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni — Koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet — Direttiva 93/37/KEE — Artikolu 2 — Kunċett ta' 'sussidju dirett' — Kunċett ta' 'faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment'"

Fil-Kawża C-115/12 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2012,

Ir-Repubblika Franċiża, irrappreżentata minn E. Belliard, N. Rouam u G. de Bergues, bħala aġenti,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn F. Dintilhac u A. Steiblytė, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, J. Malenovský, U. Lõhmus (Relatur), M. Safjan u A. Prechal, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Marzu 2013,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' April 2013,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, ir-Repubblika Franċiża titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Diċembru 2011, Franza vs Il-Kummissjoni (T-488/10, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li biha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tagħha għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 5229, tat-28 ta' Lulju 2010, dwar it-tneħħija parzjali tal-għajnuna mogħtija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), abbażi ta' dokument uniku ta' programmazzjoni tal-objettiv 1 għal għajnuna strutturali Komunitarja fir-reġjun ta' Martinique fi Franza (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999

2 L-Artikolu 12, intitolat "Kompatibilità", tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999, tal-21 ta' Ġunju 1999, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 31), jipprovdi:

"L-azzjonijiet li jkunu qegħdin jiġu finanzjati mill-Fondi [...] għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, ma' l-istrumenti addottati taħtu u mal-linji politiċi u l-azzjonijiet Komunitarji, inkluż ir-regoli dwar [...] l-għoti ta' kuntratti pubbliċi [...]."

Id-Direttiva 93/37/KEE

3 Id-Direttiva tal-Kunsill 93/37/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 163), tħassret u ġiet sostitwita bid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132), li daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Jannar 2006. Madankollu, fid-dawl tad-data li fiha seħħew il-fatti, hija d-Direttiva 93/37 li tapplika għal din il-kawża.

4 L-Artikolu 1(a) ta' din id-direttiva jiddefinixxi l-"kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet]" bħala "kuntratti għal interess tal-flus konklużi bil-kitba bejn il-kuntrattur u l-awtorità ta' kuntrattar [kontraenti] kif definit f'(b), li għandhom bħala għan tagħhom jew l-attwazzjoni, jew l-attwazzjoni u d-disinn, ta' xogħlijiet relatati ma' waħda mill-attivitajiet msemmija fl-Anness II jew xogħol definit f'(ċ) taħt, jew l-attwazzjoni, b'kull mod, ta' xogħol li jikkorrispondi mal-kondizzjonijiet speċifikati mill-awtorità ta' kuntrattar".

5 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jaqra kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jaraw li l-awtoritajiet ta' kuntrattar jaqblu jew jasssiguraw li jkun hemm qbil ma' din id-Direttiva meta huma jissussidjaw direttament b'aktar minn 50 % kuntratt tax-xogħolijiet mogħti minn entita apparti minnhom infushom.

2. Il-paragrafu 1 għandu jikkonċerna biss kuntratti koperti mill-Klassi 50, il-Grupp 502, tal-klassifikazzjoni industrijali ġenerali tal-attivitajiet ekonomiċi fi ħdan in-nomeklatura tal-Komunità Ewropea (NACE) u kuntratti relatati ma' xogħol ta' bini għal sptarijiet, faċilitajiet intiżi għal *sports*, rekreazzjoni u divertiment, skejjel u universitajiet u bini użat għal skopijiet amministrattivi."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

6 Il-fatti li wasslu għal din il-kawża, kif esposti fil-punti 1 sa 13 tas-sentenza appellata, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

7 Permezz tad-Deċiżjoni C (2000) 3493, tal-21 ta' Diċembru 2000, il-Kummissjoni approvat id-dokument uniku ta' programmazzjoni għall-għajnuna strutturali Komunitarja fir-reġjun ta' Martinique li jaqa' taħt l-objettiv 1 fi Franza, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Diċembru 2006, li jipprevedi kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) ta' EUR 17 150 000, taħt il-miżura "Għajnuna diretta lill-impriżi turistiċi u operaturi turistiċi oħra".

8 Matul is-sena 2003, is-Société martiniquaise des villages de vacances (iktar 'il quddiem is-"SMVV"), li topera l-villaġġ tal-vaganzi Les Boucaniers ta' Club Méditerranée f'Martinique (iktar 'il quddiem il-"klabb Les Boucaniers"), iddeċidiet li tagħmel xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u ta' estensjoni f'dan il-klabb.

9 Fit-3 ta' Awwissu 2004, il-Conseil régional de la Martinique ppronunzja ruħu favur il-ħlas ta' sussidju reġjonali ta' EUR 2 492 750 għal dan il-proġett ta' rinnovazzjoni u ta' estensjoni tal-klabb Les Boucaniers, li l-iżviluppatur tiegħu kien is-SMVV u li l-ispiża totali tiegħu kienet stmata għal EUR 49 981 446.

10 Permezz tad-Deċiżjoni C (2004) 4142, tat-18 ta' Ottubru 2004, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-livell tal-kontribuzzjoni Komunitarja għall-imsemmi proġett fl-ammont ta' EUR 12 460 000.

11 Fl-24 ta' Marzu 2005, ir-Reġjun ta' Martinique u s-SMVV iffirmaw il-ftehim ta' żvilupp reġjonali għal dan il-proġett.

12 Mill-25 ta' Ġunju sat-13 ta' Lulju 2007, il-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej wettqet l-awditjar tal-proġett inkwistjoni. Permezz ta' ittra tal-11 ta' Frar 2008, hija bagħtet il-konstatazzjonijiet preliminari tal-awditjar tagħha lir-Repubblika Franċiża. Hija rrilevat, b'mod partikolari, li ma kinitx ġiet osservata l-proċedura għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi għax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u ta' estensjoni, li kienet applikabbli billi iktar minn 50 % ta' dan il-proġett kien ser jiġi ffinanzjat mill-awtoritajiet kontraenti. Skont il-Qorti tal-Awdituri, fid-dawl tas-sussidju mill-FEŻR, tas-sussidju reġjonali u tas-sussidju mill-Istat ta' EUR 16 690 000, dan tal-aħħar fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa skont l-Artikolu 199 undecies B tal-Code général des impôts (Kodiċi ġenerali tat-taxxi) Franċiż, 63.33 % ta' dan il-proġett kien iffinanzjat permezz ta' għajnuna pubblika. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Awdituri rreferiet, b'mod partikolari, għall-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37.

13 Permezz ta' ittra tal-20 ta' Mejju 2008, ir-Repubblika Franċiża kkontestat, b'mod partikolari, il-kunsiderazzjoni tal-eżenzjoni mit-taxxa inkwistjoni bħala sussidju dirett fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37. Barra minn hekk, hija sostniet li x-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u ta' estensjoni tal-klabb Les Boucaniers ma kinux jikkostitwixxu xogħlijiet relatati ma' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens tal-Artikolu 2(2). Għalhekk, skont ir-Repubblika Franċiża, l-imsemmija xogħlijiet ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi artikolu.

14 Bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fit-28 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li tneħħi t-totalità tal-kontribuzzjoni mill-FEŻR allokata għall-proġett ta' rinnovazzjoni u ta' estensjoni tal-klabb Les Boucaniers.

Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

15 Permezz ta' rikors ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2010 fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, ir-Repubblika Franċiża talbet l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha.

16 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-Repubblika Franċiża invokat erba' motivi. L-ewwel wieħed kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 inkwantu l-Kummissjoni kkunsidrat li l-kuntratti għal xogħlijiet mogħtija għar-rinnovazzjoni u għall-estensjoni tal-klabb Les Boucaniers kienu jikkostitwixxu kuntratti għal xogħlijiet li iktar minn 50 % tagħhom kienu ssussidjati direttament mill-awtoritajiet kontraenti. It-tieni motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva li allegatament wettqet il-Kummissjoni meta kkunsidrat li x-xogħlijiet inkwistjoni kienu jikkonċernaw kuntratt relatat ma' bini għal faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. It-tielet motiv kien ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni inkwantu l-Kummissjoni allegatament ma spjegatx b'mod ċar u inekwivoku r-raġunijiet li għalihom ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u ta' estensjoni tal-klabb Les Boucaniers kienu jikkorrispondu għal xogħlijiet għal faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37. It-raba' motiv, invokat sussidjarjament, kien ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità inkwantu l-Kummissjoni stabbilixxiet rata ta' korrezzjoni ta' 100 % tas-sussidju allokat mill-FEŻR.

17 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn il-motivi kollha u, għaldaqstant, ir-rikors fl-intier tiegħu.

18 Fir-rigward tal-ewwel motiv, il-Qorti Ġenerali bdiet billi ttrattat, fil-punti 25 sa 33 tas-sentenza appellata, l-argument tar-Repubblika Franċiża, ibbażat fuq ġurisprudenza stabbilita dwar l-għajnuna mill-Istat, li skontu l-kunċett ta' "sussidju" għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri biss benefiċċji pożittivi.

19 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 27 tas-sentenza appellata, li minkejja li jissemma fil-ġurisprudenza dwar l-għajnuna mill-Istat, fil-kuntest tad-definizzjoni tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, il-kunċett ta' sussidju ma ġiex iddefinit bħala tali f'din il-ġurisprudenza.

20 Fil-punt 28 tas-sentenza appellata, hija tfakkar ukoll li l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni teħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' din tal-aħħar, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet li l-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti tfittex li tilħaq. Fil-punt ta' wara ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-għan tad-Direttiva 93/37 huwa li jiġu eskluži kemm ir-riskju li tingħata preferenza lill-kuntratturi jew lill-kandidati nazzjonali fi kwalunkwe għoti ta' kuntratt magħmul mill-awtoritajiet kontraenti kif ukoll il-possibbiltà li l-organu ffinanzjat jew ikkontrollat mill-Istat, mill-awtoritajiet territorjali jew organi oħra rregolati mid-dritt pubbliku jitħallew jiġu ggwidati minn kunsiderazzjonijiet li ma humiex ekonomiċi.

21 F'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, l-għan li l-leġiżlatur Komunitarju fittex li jilħaq bl-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punti 30 u 31 tas-sentenza appellata, li dan l-artikolu huwa intiż sabiex jevita li ċerti awtoritajiet kontraenti jfittxu li jaħarbu l-leġiżlazzjoni dwar il-kuntratti pubbliċi billi jagħtu lil organi privati l-kompitu li jwettqu xogħlijiet li, fir-realtà, jikkonċernaw kuntratti pubbliċi u li dawn l-awtoritajiet kontraenti jissussidjaw direttament iktar minn 50 % tagħhom. Il-Qorti Ġenerali speċifikat li, essenzjalment, ma hemmx differenza bejn il-każ fejn awtorità kontraenti tikkonkludi kuntratt ma' imprenditur hija stess u l-każ fejn tissussidja direttament iktar minn 50 % ta' kuntratt għal xogħlijiet mogħti minn entità differenti minnha. Skont il-Qorti Ġenerali, l-imsemmi Artikolu 2 għalhekk ifittex li jiżgura għoti ta' kuntratt imparzjali, fil-każijiet fejn l-entitajiet pubbliċi jkollhom influwenza determinanti. Għaldaqstant, fil-punt 32 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-kunċett ta' sussidju, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 għandu jingħata interpretazzjoni funzjonali u wiesgħa.

22 Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-effettività tad-Direttiva 93/37 ma tiġix ippreżervata bis-sħiħ li kieku l-applikazzjoni tar-regoli li hija tistitwixxi kellha tkun eskluża sempliċement billi l-ispejjeż tal-finanzjament ta' kuntratt jitnaqqsu mhux permezz ta' benefiċċji pożittivi minn entità pubblika, iżda permezz ta' eżenzjonijiet mit-taxxa, u li l-kunċett ta' "sussidju", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tagħha ma jeskludix l-eżenzjonijiet mit-taxxa inkwistjoni li jippermettu, bħall-benefiċċji pożittivi, li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-finanzjament ta' kuntratt.

23 Fil-punti 34 u 35 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, fakkret f'atti tad-dritt tal-Unjoni oħra, li fihom il-kunċett ta' sussidju ma ġiex iddefinit bħala benefiċċju pożittiv biss u, min-naħa l-oħra, ċaħdet l-argument tar-Repubblika Franċiża bbażat fuq ix-xogħol preparatorju dwar l-introduzzjoni inizjali tad-dispożizzjoni li saret l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37.

24 Imbagħad, fil-punti 36 u 37 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-allegazzjoni tar-Repubblika Franċiża li l-eżenzjonijiet mit-taxxa inkwistjoni ma għandhomx natura diretta, kif jeħtieġ l-imsemmi Artikolu 2(1). Il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-fatt li dawn l-eżenzjonijiet kienu marbuta direttament mal-kuntratt għal xogħlijiet inkwistjoni u mal-investimenti magħmula għal dan il-għan.

25 F'dak li jirrigwarda t-tieni motiv, il-Qorti Ġenerali bdiet billi ttrattat, fil-punti 42 sa 50 tas-sentenza appellata, l-argument tar-Repubblika Franċiża li l-faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment ta' dan il-villaġġ tal-vaganzi huma biss ta' natura anċillari u li x-xogħlijiet kienu jirrigwardaw, essenzjalment, stabbiliment ta' lukanda b'ristorant.

26 Wara li kkonstatat li l-imsemmija xogħlijiet jifformaw parti minn proġett wieħed li jikkonsisti fir-rinnovazzjoni sħiħa tal-klabb Les Boucanier, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 43 tas-sentenza appellata, li għandha tieħu inkunsiderazzjoni mhux ix-xogħlijiet imwettqa, iżda l-finalità globali ta' dan il-klabb, sabiex teżamina jekk il-kuntratti għal xogħlijiet inkwistjoni kinux relatati ma' xogħol ta' bini għal tali faċilitajiet.

27 F'dan ir-rigward, fil-punt 48 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qablet mal-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni li skontha l-klabb Les Boucaniers huwa kunċett integrat li jiġbor fih kemm l-akkomodazzjoni, il-forniment tal-ikel, l-attivitajiet sportivi, rekreattivi u ta' divertiment kif ukoll il-faċilitajiet komuni. Hija rrilevat li, anki jekk jitqies li s-superfiċji u n-numru ta' impjegati tal-klabb Les Boucaniers, fil-parti l-kbira tagħhom, jistgħu jkunu marbuta mal-akkomodazzjoni u mal-forniment tal-ikel, dan il-klabb huwa kkaratterizzat minn dawn l-attivitajiet li jikkostitwixxu l-qalba tal-kunċett ta' dan il-villaġġ tal-vaganzi u li jifformaw il-parti essenzjali u, fi kwalunkwe każ, neċessarja ta' dan il-kunċett. Għalhekk il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li n-natura tal-klabb Les Boucaniers, bħala tali, hija dik ta' faċilità intiża għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens wiesa'. Hija żiedet ukoll li, f'dan il-każ, ma għandux jiġi ddeterminat x'inhuwa l-għan tal-kuntratti għal xogħlijiet inkwistjoni, iżda għandu jiġi eżaminat jekk il-proġett inkwistjoni jaqax f'waħda mill-kategoriji previsti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37.

28 Sussegwentement, fil-punt 50 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, għar-raġuni li huwa restrittiv wisq, it-tqassim tal-ispiża tax-xogħlijiet magħmul mir-Repubblika Franċiża li skontu 10.6 % biss tal-ispiża tax-xogħlijiet li jikkonċernaw ir-rinnovazzjoni u l-estensjoni tal-klabb Les Boucaniers kien relatat ma' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment.

29 Fil-punti 53 u 54 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li n-NACE ma hijiex rilevanti għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment kif previst fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37.

30 Fl-aħħar nett, fil-punt 57 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment, fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37, ma kienx jeħtieġ l-eżistenza ta' rabta mal-bżonnijiet tradizzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi jew ma' funzjonijiet ta' interess ġenerali. F'dan ir-rigward, fil-punti 58 sa 64 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li għalkemm jifforma parti minn elenku ristrett, il-kunċett inkwistjoni nnifsu ma huwa limitat minn ebda kriterju u għandu jiġi interpretat b'mod funzjonali u wiesa' bil-għan li jiġi żgurat li l-effettività tad-Direttiva 93/37 ma tiġix kompromessa. Skont il-Qorti Ġenerali, interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment ma tistax tkun konformi mal-għanijiet ta' din id-direttiva.

31 Fir-rigward tat-tielet motiv, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punti 69 sa 71 tas-sentenza appellata, li, fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet mogħtija fid-deċiżjoni kkontestata u waqt il proċedura amministrattiva, il-Kummissjoni spjegat ir-raġunament tagħha b'mod suffiċjenti.

32 Fir-rigward tar-raba' motiv, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 74 tas-sentenza appellata, li, peress li x-xogħlijiet inkwistjoni jikkostitwixxu proġett wieħed, l-ammont tal-għajnuna kkonċernata mill-irregolarità kkonstatata jinkludi l-ammont totali tal-għajnuna prevista għall-proġett. Konsegwentement, it-totalità tal-finanzjament tal-proġett kien milqut minn irregolarità b'mod li t-totalità tal-għajnuna finanzjarja ġiet imputata b'mod żbaljat lill-FEŻR. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ma kienx hemm lok li tiġi limitata l-korrezzjoni abbażi tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

It-talbiet tal-partijiet

33 Ir-Repubblika Franċiża titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza kkontestata fl-intier tagħha, u

— tiddeċiedi hija stess b'mod finali l-kawża billi tannulla d-deċiżjoni kkontestata, jew terġa' tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

34 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara inammissibbli t-tieni parti tal-ewwel aggravju u l-ewwel parti tat-tielet aggravju jew, sussidjarjament, tiċħadhom u tiċħad dan l-appell kollu kemm hu, u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

35 Insostenn tal-appell tagħha, ir-Repubblika Franċiża tqajjem tliet aggravji.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37

L-argumenti tal-partijiet

36 L-ewwel aggravju mqajjem mir-Repubblika Franċiża insostenn tal-appell tagħha jinqasam f'żewġ partijiet.

37 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, dan l-Istat Membru jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-miżuri ta' eżenzjoni mit-taxxa setgħu jiġu kklassifikati bħala "sussidji", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37.

38 Skont ir-Repubblika Franċiża, il-klassifikazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali tmur kontra l-ittra tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 u tikkontradixxi r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jillimita l-kunċett ta' sussidju għall-benefiċċji pożittivi. L-ewwel nett, hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali li tbiegħdet mid-definizzjoni tradizzjonali ta' dan il-kunċett, kif stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Fl-assenza ta' kwalunkwe element fis-sens oppost fid-direttiva inkwistjoni, l-imsemmi kunċett għandu jiġi ddefinit fid-dawl tat-tifsira ordinarja tat-terminu "sussidju" sabiex il-prinċipju ta' ċertezza legali jiġi osservat. It-tieni nett, hija tallega li l-interpretazzjoni tagħha

hija kkorroborata mill-fatt li l-formulazzjoni finali ta' din id-dispożizzjoni hija differenti mid-diversi proposti fix-xogħol preparatorju, li fihom, b'mod partikolari, intuza t-terminu "jiffinanzjaw" minflok it-terminu "jissussidjaw". It-tielet nett, hija żżid tgħid li l-ħtieġa li tiġi ppreżervata l-effettività ta' dispożizzjoni, invokata mill-Qorti Ġenerali, ma tistax testendi sal-punt li tagħti lil din id-dispożizzjoni interpretazzjoni funzjonali li tmur lil hinn mit-termini tagħha.

39 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li eżenzjoni mit-taxxa għandha natura diretta fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37, peress li din l-eżenzjoni kienet ingħatat speċifikament minħabba l-kuntratt għal xogħlijiet inkwistjoni, minkejja li la ngħatat lill-iżviluppatur, la lill-kuntrattur, la lill-operatur u lanqas lill-proprjetarju tal-istabbiliment ikkonċernat.

40 Dan l-Istat Membru jsostni li l-eżenzjonijiet mit-taxxa inkwistjoni ngħataw lill-imsieħba, li huma persuni fiżiċi, tas-soċjetajiet f'isem kollettiv li kienu investew fil-kuntratt għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u ta' estensjoni tal-klabb Les Boucaniers. Huwa minnu li dawn l-eżenzjonijiet mit-taxxa kien se jkollhom l-effett li jinċentivaw l-investiment iżda ma kinux se jnaqqsu direttament l-ispejjeż tax-xogħlijiet.

41 Il-Kummissjoni ssostni li l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi ddikjarata infondata. It-tieni parti għandha tiġi ddikjarata inammissibbli jew, sussidjarjament, għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

42 Għandu jitfakkar li l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 jeżiġi li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jiġu osservati mill-awtoritajiet kontraenti meta huma jissussidjaw direttament b'iktar minn 50 % kuntratt għal xogħlijiet mogħti minn entità differenti minnhom.

43 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, ir-Repubblika Franċiża ssostni essenzjalment li l-kunċett ta' sussidju, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ikopri biss sussidji pożittivi u għalhekk ma jistax jinkludi eżenzjonijiet mit-taxxa.

44 Billi l-imsemmi kunċett ma huwiex iddefinit fid-Direttiva 93/37, huwa għandu jingħata, fl-assenza ta' riferiment għad-dritt tal-Istati Membri, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha ssir billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan li d-dispożizzjoni li fiha jinsab tfittex li tilħaq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Pie Optiek, C-376/11, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Ir-Repubblika Franċiża la tikkontesta l-espożizzjoni tal-għanijiet tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punti 29 sa 31 tas-sentenza appellata u lanqas il-fatt li dawn l-għanijiet jimmilitaw, kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 43 tal-konklużjonijiet tagħha, favur interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' sussidju. Min-naħa l-oħra, bl-argument tagħha, hija tikkritika essenzjalment lil dik il-qorti li, bil-fatt li tat lil dan il-kunċett sinjifikat wiesa' u funzjonali sabiex tinkludi l-eżenzjonijiet mit-taxxa, hija eċċediet il-limiti ta' dak li huwa permissibbli meta ssir interpretazzjoni teleoloġika.

46 Madankollu, kuntrarjament għal dak li ssostni r-Repubblika Franċiża, it-terminu "issussidja", fit-tifsira ordinarja tiegħu, ifisser sempliċement l-għoti ta' vantaġġ. Għaldaqstant, dan it-terminu ma huwiex limitat, bħala regola ġenerali, għal benefiċċji pożittivi. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni ma hija kkonfutata minn ebda definizzjoni msejħa "tradizzjonali" tal-kunċett ta' sussidju, li għaliha jirreferi dan l-Istat Membru u li allegatament tapplika fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat.

47 L-argument tar-Repubblika Franċiża li l-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali kkontradixxiet l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, sa fejn din tal-aħħar ma tiħux inkunsiderazzjoni l-oriġini tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37, għandu wkoll jiġi miċħud.

48 Fil-fatt, l-użu tat-terminu "jissussidjaw" f'din id-dispożizzjoni u mhux tal-verb "jiffinanzjaw", użat mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha tal-Artikolu 1a tad-Direttiva tal-Kunsill 89/440/KEE, tat-18 ta' Lulju 1989, li temenda d-Direttiva 71/305/KEE li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet] (ĠU L 210, p. 1), li jikkorrispondi għall-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37, ma jistax ikun suffiċjenti, fl-assenza ta' indikazzjonijiet oħra, sabiex tiġi dedotta rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jirrestinġi dan it-terminu biss għas-sussidji pożittivi bl-esklużjoni, b'mod partikolari, ta' eżenzjonijiet mit-taxxa.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta kkunsidrat li miżuri ta' eżenzjoni mit-taxxa setgħu jiġu kklassifikati bħala sussidji, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37. Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

50 F'dak li jirrigwarda t-tieni parti ta' dan l-aggravju, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, ir-Repubblika Franċiża tfittex li tqiegħed fid-dubju mhux il-konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, iżda l-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti li għamlet, jiġifieri l-klassifikazzjoni tal-eżenzjonijiet mit-taxxa mogħtija bħala sussidju "dirett" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37.

51 Billi minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ tali klassifikazzjoni ġuridika (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et*, C-136/92 P, Ġabra p. I-1981, punt 49), għandu jiġi konkluż li din il-parti tal-ewwel aggravju hija ammissibbli.

52 Fir-rigward tal-mertu, għandu jiġi kkonstatat li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 jirriżulta ċar li l-kunċett ta' "sussidju dirett" ma huwiex marbut mal-persuni, izda max-xogħol ikkonċernat. Barra minn hekk, interpretazzjoni stretta ta' dan il-kunċett tippermetti lil awtorità kontraenti tevita l-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 u, b'dan il-mod, tevadi l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

53 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, li l-eżenzjonijiet mit-taxxa kienu marbuta direttament mal-kuntratt għal xogħlijiet inkwistjoni, li ma kinux intiżi sabiex itaffu ċerti piżijiet ġenerali tal-persuni kkonċernati u li ngħataw mir-Repubblika Franċiża lill-proġett ta' rinnovazzjoni u ta' estensjoni tal-klabb Les Boucaniers speċifikament għat-twettiq ta' dawn ix-xogħlijiet.

54 Għandu jiġi kkonstatat li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ġustament rabtet in-natura diretta ta' sussidju kif prevista fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 93/37 mal-finanzjament tal-proġett u mal-investimenti mwettqa għal dan il-għan.

55 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni parti tal-ewwel aggravju mqajjem mir-Repubblika Franċiża għandha wkoll tiġi miċħuda u, għaldaqsant, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali, sa fejn żnaturat il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata u ssostitwiet il-motivazzjoni tagħha stess għal dik tal-Kummissjoni

L-argumenti tal-partijiet

56 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata u ssostitwiet il-motivazzjoni tagħha stess għal dik tal-Kummissjoni. Skont dan l-Istat Membru, l-iżnaturament jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni bbażat ruħha mhux fuq in-natura tax-xogħlijiet imwettqa, iżda fuq il-finalità globali tal-klabb Les Boucaniers, sabiex tiddetermina jekk il-kuntratt għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u ta' estensjoni ta' dan il-villaġġ tal-vaganzi kienx jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37.

57 F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Franċiża tirrileva li kien biss matul il-proċedura orali quddiem il-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni ammettiet li kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux ix-xogħlijiet imwettqa fil-klabb Les Boucaniers, iżda l-finalità globali ta' dan il-klabb.

58 Il-Kummissjoni tqis li dan l-aggravju huwa infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

59 F'dak li jirrigwarda l-istħarriġ tal-iżnaturament li r-Repubblika Franċiża tallega li sabet fil-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 43 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni analizzat l-applikabbiltà tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 billi, fid-deċiżjoni kkontestata, eżaminat il-proġett li jikkonsisti f'rinnovazzjoni sħiħa tal-klabb Les Boucaniers u li dan l-eżami kien ibbażat mhux fuq ix-xogħlijiet imwettqa, iżda fuq il-finalità globali ta' dan il-klabb, għandu jiġi rrilevat li minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li żnaturament għandu jidher b'mod ċar mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' April 2006, General Motors vs Il-Kummissjoni, C-551/03 P, Ġabra p. I-3173, punt 54).

60 Issa għandu jiġi kkunsidrat li, għalkemm huwa possibbli li d-deċiżjoni kkontestata tiġi interpretata fis-sens propost mir-Repubblika Franċiża, l-evalwazzjoni differenti tagħha li għamlet il-Qorti Ġenerali ma turix li seħħ żnaturament tal-kontenut tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Frar 2011, Activision Blizzard Germany vs Il-Kummissjoni, C-260/09 P, Ġabra p. I-419, punt 54).

61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fl-assenza ta' provi li jindikaw ineżattezza materjali fl-interpretazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li għamlet il-Qorti Ġenerali, ma hemmx lok li jiġi kkunsidrat li din l-interpretazzjoni tikkostitwixxi żnaturament jew sostituzzjoni tal-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni

62 Minn dan isegwi li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37

L-argumenti tal-partijiet

63 Permezz tat-tielet aggravju tagħha, li jinqasam f'żewġ partijiet, ir-Repubblika Franċiża tikkontesta l-klassifikazzjoni tal-kuntratt għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u ta' estensjoni tal-klabb Les Boucaniers bħala kuntratt relatat ma' xogħol ta' bini għal faċilità intiża għal sports, rekreazzjoni u divertiment fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37.

64 Fir-rigward tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-kunċett ta' faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 kellu jiġi interpretat fis-sens wiesa', mhux limitat għall-faċilitajiet intiżi sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tradizzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi, jiġifieri l-bżonnijiet kollettivi tal-utenti.

65 Ir-Repubblika Franċiża ssostni li tali limitazzjoni, minkejja li ma tissemmiex espressament fl-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva, tirriżulta minn interpretazzjoni sistematika b'riferiment għall-formulazzjoni u għall-għan tal-imsemmija dispożizzjoni, kif ukoll għall-kategoriji l-oħra ta' kuntratti msemmija fiha. Hija tesfasizza li l-għan tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 jikkonsisti fl-issuġġettar għar-regoli previsti f'din id-direttiva tal-kuntratti għal xogħlijiet li fir-rigward tagħhom jeżisti riskju reali ta' evażjoni ta' dawn ir-regoli mill-awtoritajiet kontraenti. Skont dan l-Istat Membru, huma biss il-kuntratti li jirrigwardaw faċilitajiet intiżi sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet kollettivi tal-utenti li jippreżentaw tali riskju. Fil-fatt, il-kategoriji l-oħra ta' kuntratti msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 għandhom inkomuni l-fatt li jirrigwardaw bini li huwa intiż sabiex jissodisfa l-imsemmija bżonnijiet.

66 Il-Kummissjoni ssostni li l-ewwel parti tat-tielet aggravju hija inammissibbli, inkwantu tfittex li tbiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

67 Sussidjarjament, il-Kummissjoni jidhrilha li din l-ewwel parti hija infondata.

68 Permezz tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, ir-Repubblika Franċiża ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-kunċett ta' "kuntratti relatati ma' xogħol", fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37, għandu jiġi interpretat indipendentement mill-kunċett ta' "kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet]", fis-sens tal-Artikolu 1(a) ta' din id-direttiva u li, konsegwentement, il-Kummissjoni ma kinitx kisret l-Artikolu 2(2) tal-imsemmija direttiva meta kkunsidrat li l-kuntratt għal xogħlijiet inkwistjoni f'din il-kawża kien jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni minkejja li dan il-kuntratt ma kellux interess ekonomiku dirett għall-awtorità kontraenti.

69 Skont ir-Repubblika Franċiża, il-kunċett ta' "kuntratti relatati ma' xogħol", fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37, għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-kunċett ta' "kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet]", li jimplika li tali kuntratt jiġi eżegwit fl-interess ekonomiku dirett tal-awtorità kontraenti (sentenza tal-25 ta' Marzu 2010, Helmut Müller, C-451/08, Ġabra p. I-2673, punti 50 sa 52). Dan l-Istat Membru jispeċifika li ma jistax jiġi kkunsidrat li l-kuntratt dwar ir-rinnovazzjoni tal-klabb Les Boucaniers għandu tali interess ekonomiku dirett għas-sempliċi raġuni li din ir-rinnovazzjoni tikkontribwixxi għall-iżvilupp turistiku u ekonomiku ta' Martinique. Huwa jqis li huma biss il-kuntratti għal xogħlijiet li, kieku ġew konklużi minn awtorità kontraenti, kienu jikkostitwixxu kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet fis-sens tal-Artikolu 1(a) ta' din id-direttiva, li huma previsti fl-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva.

70 Il-Kummissjoni titlob li din il-parti tiġi miċħuda.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

71 F'dak li jirrigwarda l-inammissibbiltà tal-ewwel parti tat-tielet aggravju invokata mill-Kummissjoni, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-fatt li parti tiġi awtorizzata tqajjem motiv, għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li hija ma invokatx quddiem il-Qorti Ġenerali, ikun ifisser li tkun qed tiġi awtorizzata tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha fil-qasam tal-appell hija limitata, kawża iżjed wiesgħa minn dik li tkun tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali u li, fil-kuntest ta' appell, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata

għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li tkun ingħatat lill-motivi li jkunu ġew dibattuti quddiem l-ewwel qorti (sentenza tal-1 ta' Frar 2007, Sison vs Il-Kunsill, C-266/05 P, Ġabra p. I-1233, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Madankollu, mill-proċess imressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta ċar li l-kunċetti, minn naħa, ta' bżonnijiet kollettivi tal-utenti u, min-naħa l-oħra, ta' bżonnijiet tradizzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi ntużaw b'mod skambjabbli mir-Repubblika Franċiża kemm waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll fil-kuntest tal-appell tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

73 F'dan ir-rigward, minkejja li, kif tafferma l-Kummissjoni, il-kunċett ta' "bżonnijiet kollettivi tal-utenti" ma ġiex invokat f'dawn it-termini fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali, mill-punt 55 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-argument tar-Repubblika Franċiża dwar il-kunċett ta' "bżonnijiet tradizzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi" kien jikkonċerna l-kundizzjoni li skontha kienu biss il-"faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment li huma miftuħa għal kulħadd u mhux dawk li huma rriżervati għal klijentela privata" li kienu previsti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37. Din il-kundizzjoni hija effettivament marbuta mal-bżonnijiet kollettivi tal-utenti.

74 Minn dan isegwi li l-użu, fil-kuntest tal-appell, tal-kunċett ta' bżonnijiet kollettivi tal-utenti ma jinvolvix bidla fis-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u, għaldaqstant, li l-ewwel parti tat-tielet aggravju hija ammissibbli.

75 Fir-rigward tal-mertu, għandu jiġi ddeterminat jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi bil-fatt li ma kkunsidratx li l-kunċett ta' "faċilitajiet intiżi għal *sports*, rekreazzjoni u divertiment", fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37, kien limitat għall-faċilitajiet intiżi sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet kollettivi tal-utenti.

76 Għandu jiġi kkonstatat, kif irrilevat, essenzjalment, il-Qorti Ġenerali fil-punti 57 u 58 tas-sentenza appellata, li tali limitazzjoni la tirriżulta mill-formulazzjoni tad-Direttiva 93/37 u lanqas mix-xogħol preparatorju tagħha. Fil-fatt, l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 bl-ebda mod ma jikkwalifika l-kunċett ta' "faċilitajiet intiżi għal *sports*, rekreazzjoni u divertiment".

77 Tali limitazzjoni tal-imsemmi kunċett lanqas ma tista' tkun ibbażata fuq interpretazzjoni sistematika tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37. Fil-fatt, anki jekk jitqies li l-kategoriji kollha ta' kuntratti msemmija f'din id-dispożizzjoni għandhom inkomuni l-fatt li jirrigwardaw bini li jista', jekk ikun il-każ, jissodisfa l-bżonnijiet kollettivi tal-utenti, għandu jiġi kkonstatat li minn dan is-sempliċi fatt ma jistax jiġi dedott li l-idoneità sabiex jiġu ssodisfatti tali bżonnijiet tikkostitwixxi kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni.

78 Għandu għalhekk jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta rrifjutat li tikkunsidra li l-kunċett ta' "faċilitajiet intiżi għal sports, rekreazzjoni u divertiment", fis-sens tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37, kien limitat għall-faċilitajiet intiżi sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet kollettivi tal-utenti. Minn dan isegwi li l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

79 F'dak li jirrigwarda t-tieni parti ta' dan l-aggravju, għandu jiġi kkonstatat li l-punt 64 tas-sentenza appellata, li għalih tirreferi r-Repubblika Franċiża fil-kuntest ta' din il-parti, jifforma parti integrali mir-risposta tal-Qorti Ġenerali għall-argument li l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 93/37 jirrigwarda biss kategoriji ta' kuntratti li jikkonċernaw, min-natura tagħhom, bżonnijiet tradizzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi.

80 Għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali kkonstatat ġustament, f'dan il-punt 64 tas-sentenza appellata, li, permezz tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37, il-leġiżlatur tal-Unjoni fetaħ espressament il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva għal ċerti kuntratti partikolari li ma humiex pubbliċi.

81 Għaldaqstant, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 93/37 għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu mill-Artikolu 1(a) ta' din id-direttiva. Għandu jiġi kkonstatat li interpretazzjoni differenti tnaqqas b'mod konsiderevoli l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, ħaġa li tmur kontra l-għan li tiġi impeduta l-evażjoni li dan l-artikolu jfittex li jilħaq.

82 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li mid-definizzjoni tal-kunċett ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet imsemmi fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 93/37 ma tirriżultax kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, marbuta mal-"bżonnijiet tradizzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi".

83 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tielet aggravju għandu wkoll jiġi miċħud u dan l-aggravju kollu kemm hu għandu jiġi miċħud bħala infondat.

84 Billi ebda wieħed mill-aggravji invokati mir-Repubblika Franċiża ma ntlaqa', l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

85 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni talbet li r-Repubblika Franċiża tiġi kkundannata u peress li din tal-aħħar tilfet il-kawża, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem